



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

---

**2011/0438(COD)**

16.7.2012

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-  
akkwist pubbliku  
(COM(2011)0896 – C7-0006/2012 – 2011/0438(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Åsa Westlund

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-Akkwist Pubbliku huwa fattur importanti fis-soċjetà komuni tagħna; mil-lat ekonomiku, soċjali u ambjentali. L-awtoritajiet pubbliċi fl-Ewropa jonfqu madwar 18 fil-mija tal-PDG fuq prodotti u servizzi permezz tal-akkwist. L-akkwist pubbliku jista', u għandu, jintuża bħala strument għall-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-Unjoni Ewropea.

L-akkwist pubbliku huwa għodda importanti għall-awtoritajiet kontraenti sabiex isir l-aħjar użu mit-taxxi tal-kontribwenti. Dak jinkludi l-użu tal-akkwist pubbliku għall-ħolqien ta' żvilupp sostenibbli inkluż it-titjib ta' żvilupp pożittiv fl-oqsma pereżempju tal-ambjent, il-klima, l-antidiskriminazzjoni, il-benesseri tal-annimali u l-impjieg taż-żgħażaġh. Billi l-iżvilupp sostenibbli huwa għan previst fit-trattat ta' Lisbona huwa importanti li l-awtoritajiet pubbliċi jkunu jistgħu u jiġu inkuraġġati jużaw l-akkwist pubbliku bħala għodda sabiex jintlaħaq dan il-għan.

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel qed jgħaddi din l-opinjoni lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur. L-opinjoni se tiffoka fuq kwistjonijiet dwar l-akkwist pubbliku sostenibbli, fl-oqsma ambjentjali, ekonomiċi u fi kwistjonijiet soċjali.

Ir-Rapporteur tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva ġdida dwar l-akkwist pubbliku. Il-proposta tiffoka fuq effiċjenza akbar tal-infiq pubbliku, timplika simplifikazzjoni u flessibilità tar-regoli eżistenti u tenfasizza l-importanza tal-kunsiderazzjonijiet ambjentali. Suġġerimenti oħra jiffukaw fuq l-isforz sabiex l-akkwist pubbliku isir iżjed utli biex isostni l-għanijiet komuni tas-soċjetà.

Ir-Rapporteur tixtieq tagħmel enfasi akbar fuq il-kwistjonijiet importanti li ġejjin:

- Ma għandu jkun hemm l-ebda ambigwiżità dwar il-fatt li l-awtoritajiet kontraenti jitħallew jistabbilixxu eżiġenzi li jkunu iżjed stretti jew li jmorru lil hinn mil-leġiżlazzjoni tal-UE f'oqsma speċifiċi.
- Għandhom jiġu promossi soluzzjonijiet innovattivi fl-akkwist pubbliku. Ix-xerrejja pubbliċi għandhom jiġu inkuraġġati jakkwistaw prodotti u servizzi innovattivi sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-iżvilupp sostenibbli. Huma meħtieġa soluzzjonijiet u ideat innovattivi ġodda fil-qasam tal-ambjent u l-akkwist pubbliku għandu jintuża bħala għodda sabiex jintlaħqu ħtiġijiet bħal dawn.
- Il-kriterji tal-kunsiderazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja għandhom jiġu aġġornati. L-effetti soċjali u ambjentali tal-proċess kollu tal-produzzjoni għandhom jiġu kkunsidrati. Għalhekk l-awtoritajiet kontraenti għandu jkollhom iżjed possibilitajiet sabiex jimponu eżiġenzi fuq il-proċess tal-produzzjoni u mhux biss fuq il-prodott speċifiku. Dan se jwassal għal iżjed akkwist sostenibbli.
- Billi hija bbażata fuq kunsiderazzjonijiet ta' saħħa pubblika, l-applikazzjoni tal-ftehimiet kollettivi u l-konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-impjieg ma għandhiex tkun għażla iżda

rekwiżit fuq il-kuntratturi maħtura. Sabiex tiġi ssalvagwardata s-saħħa tal-ħaddiema u l-ambjent tax-xogħol tagħhom għandu jkun possibbli li l-offerenti li ma jsegwux il-leġislazzjoni soċjali u dik tax-xogħol jiġu esklużi. Il-pajjiżi li rratifikaw il-Konvenzjoni 94 tal-ILO ma għandhomx jiġu mxejjla fl-implimentazzjoni tal-konvenzjoni.

- L-użu ta' standards għandu jiġi preferut fuq l-użu ta' tikketti. L-istandards huma utli minħabba li jiġu mifhuma tajjeb mill-offerenti fil-qasam rilevanti u se jgħinu sabiex jiġi evitat li l-awtoritajiet kontraenti jkollhom joħolqu xi ħaġa ġdida. Bl-enfasi fuq l-użu ta' standards id-Direttiva tiffaċilita l-possibbiltà li l-awtoritajiet kontraenti jstabbilixxu eżiġenzi ambjentali u soċjali.
- Id-Direttiva ma għandhiex tnaqqas il-possibbiltà li l-muniċipalitajiet jikkooperaw sabiex jipprovdu ċerti servizzi ta' interess ġenerali, pereżempju t-trattament tal-iskart u l-ilma.
- Id-Direttiva għandha żżid il-possibbiltà li jiġu imposti eżiġenzi fuq il-katina kollha tal-kuntratturi, jiġifieri fuq is-sottokuntratturi. Il-kuntrattur/offerent ewlieni mhux biss għandu jsegwi r-regoli u r-regolamenti stabbiliti mill-awtorità kontraenti iżda huwa meħtieġ li s-sottokuntratturi jagħmlu dan ukoll. Hemm hteġa ta' sistema ta' kontroll li tkopri l-partijiet kollha tal-katina tal-kuntratturi.

Ir-Rapporteur hija impenjata li ttipreserva l-awtodeterminazzjoni u l-awtonomija tal-muniċipalitajiet, ir-reġjuni u l-awtoritajiet kontraenti lokali oħra. Ir-regolament għandu jkun ċar sabiex jiġi evitat tilwim dwar l-interpretazzjoni. Is-simplifikazzjoni tad-Direttiva se tinkoraġġixxi u tippermetti wkoll li l-awtoritajiet kontraenti jinkorporaw għanijiet ċari ta' sostenibbiltà fil-politiki tal-akkwist pubbliku tagħhom.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal direttiva Premessa 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

(2) L-akkwist pubbliku għandu rwol fl-istrateġija Ewropa 2020 **bħala wieħed mill-istrumenti bbażati fuq is-suq li għandu jintuża sabiex jinkiseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv filwaqt li jiġi żgurat**

*Emenda*

(2) L-akkwist pubbliku, **bħala wieħed mill-istrumenti bbażati fuq is-suq li għandu jintuża sabiex jinkiseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv filwaqt li jiġi żgurat l-aktar użu effiċjenti tal-fondi pubbliċi,**

***L-aktar użu effiċjenti tal-fondi pubbliċi.***  
Għal dak il-għan, ir-regoli attwali dwar l-akkwist pubbliku adottati skont id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali [l-posta] u d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi iridu jiġu reveduti u modernizzati sabiex titjeb l-effiċjenza tan-nefqa pubblika, billi tiġi faċilitata b'mod partikolari l-parteciċipazzjoni ta' impriżi żgħar u medji fl-akkwisti pubbliċi u sabiex ix-xerrejja jkunu jistgħu jagħmlu użu aħjar mill-akkwist pubbliku b'appoġġ għall-miri soċjetali komuni. Hemm bżonn li jiġu ċċarati ideat u kunċett bażiċi sabiex tiġi żgurata ċertezza legali aħjar u sabiex jiġu inkorporati ċerti aspetti relatati ta' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

għandu rwol fl-istrategġija Ewropa 2020 ***u biex jintlaħaq l-għan tat-tkabbir sostenibbli ddikjarat fit-Trattat ta' Lisbona.*** Għal dak il-għan, ir-regoli attwali dwar l-akkwist pubbliku adottati skont id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali [l-posta] u d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi iridu jiġu reveduti u modernizzati sabiex titjeb l-effiċjenza tan-nefqa pubblika, billi tiġi faċilitata b'mod partikolari l-parteciċipazzjoni ta' impriżi żgħar u medji fl-akkwisti pubbliċi u sabiex ix-xerrejja jkunu jistgħu jagħmlu użu aħjar mill-akkwist pubbliku b'appoġġ għall-miri soċjetali komuni. Hemm bżonn li jiġu ċċarati ideat u kunċett bażiċi sabiex tiġi żgurata ċertezza legali aħjar u sabiex jiġu inkorporati ċerti aspetti relatati ta' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa meħtieġ test relatat mat-Trattat ta' Lisbona sabiex jenfasizza l-importanza tat-tkabbir sostenibbli.*

## **Emenda 2**

### **Proposta għal direttiva Premessa 2**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) L-akkwist pubbliku għandu rwol fl-istrategġija Ewropa 2020 bħala wieħed mill-istrumenti bbażati fuq is-suq li għandu jintuża sabiex jinkiseb tkabbir intelliġenti,

#### *Emenda*

(2) L-akkwist pubbliku għandu rwol fl-istrategġija Ewropa 2020 bħala wieħed mill-istrumenti bbażati fuq is-suq li għandu jintuża sabiex jinkiseb tkabbir intelliġenti,

sostenibbli u inklużiv filwaqt li jiġi żgurat l-aktar użu effiċjenti tal-fondi pubbliċi. Għal dak il-għan, ir-regoli attwali dwar l-akkwist pubbliku adottati skont id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali [l-posta] u d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi iridu jiġu reveduti u modernizzati sabiex **titjeb** l-effiċjenza tan-nefqa pubblika, **billi** tiġi faċilitata b'mod partikolari l-parteċipazzjoni ta' impriżi żgħar u medji fl-akkwisti pubbliċi u **sabiex ix-xerrejja** jkunu jistgħu jagħmlu użu aħjar mill-akkwist pubbliku b'appoġġ għall-miri soċjetali komuni. Hemm bżonn li jiġu ċċarati ideat u kunċett bażiċi sabiex tiġi żgurata ċertezza legali aħjar u sabiex jiġu inkorporati ċerti aspetti relatati ta' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

sostenibbli u inklużiv filwaqt li jiġi żgurat l-aktar użu effiċjenti tal-fondi pubbliċi. Għal dak il-għan, ir-regoli attwali dwar l-akkwist pubbliku adottati skont id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali [l-posta] u d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi iridu jiġu reveduti u modernizzati sabiex **ix-xerrejja jkunu jistgħu jagħmlu użu aħjar mill-akkwist pubbliku bħala appoġġ għal żvilupp sostenibbli u għanijiet oħra tas-soċjetà komuni, u b'hekk titjeb** l-effiċjenza tan-nefqa pubblika, **jiġi żgurat l-akbar valur għall-flus u** tiġi faċilitata b'mod partikolari l-parteċipazzjoni ta' impriżi żgħar u medji fl-akkwisti pubbliċi u **jinkoraġġixxi l-akkwist lokali kif ukoll jippermetti x-xerrejja** jkunu jistgħu jagħmlu użu aħjar mill-akkwist pubbliku b'appoġġ għall-miri soċjetali komuni. **L-awtoritajiet kontraenti huma mħeġġa li jistabilixxu eżiġenzi iżjed stretti jew li jmorru lil hinn mil-leġiżlazzjoni attwali tal-UE f'oqsma speċifiċi, sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet komuni.** Hemm bżonn li jiġu **ssimplifikati d-Direttivi u li jiġu** ċċarati ideat u kunċett bażiċi sabiex tiġi żgurata ċertezza legali aħjar u sabiex jiġu inkorporati ċerti aspetti relatati ta' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. **Din id-Direttiva ttipprovi leġiżlazzjoni dwar kif isir ix-xiri, dwar x'għandu jinxtar huwa f'idejn l-awtoritajiet kontraenti. L-awtoritajiet kontraenti huma mħeġġa li jistabilixxu eżiġenzi iżjed stretti jew li jmorru lil hinn mil-leġiżlazzjoni attwali tal-UE f'oqsma speċifiċi, sabiex jintlaħqu**

## **dawn l-għanijiet komuni.**

### *Ġustifikazzjoni*

*Ma għandu jkun hemm l-ebda ambigwià dwar il-fatt li l-awtoritajiet kontraenti għandhom jitħallew jistabbilixxu eżiġenzi iżjed stretti jew li jmorru lil hinn mil-leġiżlazzjoni attwali tal-UE f'oqsma speċifiċi. Dikjarazzjoni bikrija dwar ir-rwol tad-direttiva fl-ilħuq tal-koeżjoni klimatika, ambjentali u soċjali twassal għal artikoli relatati ma' dawn il-kwistjonijiet iżjed tard.*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal direttiva Premessa 3**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Il-forom dejjem aktar diversi ta' azzjoni pubblika jeħtieġu definizzjoni aktar ċara tal-kunċett ta' akkwist innifsu. Ir-regoli tal-Unjoni dwar l-akkwisti pubbliċi mhumiex maħsuba li jkopru kull forma ta' ħlas ta' flus pubbliċi, iżda daww biss immirati lejn l-akkwist ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi bi ħlas. Il-kunċett ta' akkwist għandu jiġi interpretat fis-sens wiesa' tal-kisba tal-benefiċċji tax-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi inkwistjoni, li ma jeħtiġux neċessarjament trasferiment tas-sjieda lill-awtoritajiet kontraenti. Barra minn hekk, il-finanzjament sempliċi ta' attivitá, li ta' spiss hu marbut mal-obbligu tar-rimborż tal-ammonti li jkunu ngħataw meta dawn ma jintużawx għall-finijiet maħsuba, **normalment** ma jaqax taħt ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku.

##### *Emenda*

(3) Il-forom dejjem aktar diversi ta' azzjoni pubblika jeħtieġu definizzjoni aktar ċara tal-kunċett ta' akkwist innifsu. Ir-regoli tal-Unjoni dwar l-akkwisti pubbliċi mhumiex maħsuba li jkopru kull forma ta' ħlas ta' flus pubbliċi, iżda daww biss immirati lejn l-akkwist ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi bi ħlas. Il-kunċett ta' akkwist għandu jiġi interpretat fis-sens wiesa' tal-kisba tal-benefiċċji tax-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi inkwistjoni, li ma jeħtiġux neċessarjament trasferiment tas-sjieda lill-awtoritajiet kontraenti. Barra minn hekk, il-finanzjament sempliċi ta' attivitá, li ta' spiss hu marbut mal-obbligu tar-rimborż tal-ammonti li jkunu ngħataw meta dawn ma jintużawx għall-finijiet maħsuba, ma jaqax taħt ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku. ***Il-kuntratti mogħtija lill-entitajiet ikkontrollati jew il-kooperazzjoni għall-eżekuzzjoni konġunta tax-xogħlijiet ta' servizz pubbliku tal-awtoritajiet kontraenti parteċipanti ma jaqgħux taħt ir-regoli tal-akkwist pubbliku jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-direttiva jiġu ssodisfati.***

### **Emenda 4**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 4a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4a) Skont l-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni għandha tikkunsidra r-rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjeg, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, u livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u ħarsien tas-saħħa tal-bniedem. Din id-Direttiva tikkontribwixxi għall-kisba ta' dawn l-oġġettivi billi tinkoraġġixxi akkwist pubbliku soċjalment sostenibbli, fejn tiżgura li jkun impjegati kriterji soċjali fl-istadji kollha tal-proċedura tal-akkwist u ssaħħaħ l-obbligi kollha eżistenti fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u internazzjonali fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-protezzjoni soċjali u s-saħħa pubblika.*

*Ġustifikazzjoni*

*Premessa 5 diġà tirreferi għall-Artikolu 11 tat-TFUE, li jiżgura li rekwiżiti għall-ħarsien tal-ambjent huma integrati fil-politiki kollha tal-Unjoni. Din il-Premessa ġdida tfittex li tagħmel l-istess fl-Artikolu 9 tat-TFUE, li jiżgura li għanijiet soċjali u tas-saħħa jitqiesu fil-politiki kollha tal-Unjoni.*

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 4b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4b) Prinċipju ewlieni tal-Istrateġija tas-Saħħa 2008-2013 huwa "Is-Saħħa fil-Politiki Kollha" (HIAP), jew l-integrazzjoni tat-tħassib tas-saħħa fil-politiki kollha fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali, approċċ approvat mill-Istati Membri fid-Dikjarazzjoni tal-*



*2007 dwar "is- Saħħa fil-Politiki Kollha"(HIAP). Din id-Direttiva tikkontribwixxi għall-approċċ HIAP billi tiżgura li regoli ta' akkwist jistgħu jgħinu lill-awtoritajiet kontraenti jiksbu objettivi tas-saħħa pubblika, u li l-kriterji relatati mas-saħħa pubblika u mas-saħħa u s-sikurezza fil-post tax-xogħol jistgħu jiġu impjegati fl-istadji kollha tal-proċedura tal-akkwist.*

## **Emenda 6**

### **Proposta għal direttiva Premessa 5**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Skont ***l-Artikolu 11*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali għandhom jiġu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet tal-Unjoni, b'mod partikolari bil-għan li jiġi mħeġġeġ l-iżvilupp sostenibbli. Din id-Direttiva tiċċara kif l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li tiżgura ***li dawn ikunu jistgħu jiksbu*** l-aħjar valur għall-flus għall-kuntratti tagħhom.

## **Emenda 7**

### **Proposta għal direttiva Premessa 5a (ġdida)**

#### *Emenda*

(5) Skont ***l-Artikoli 9,10 u 11*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali ***u kunsiderazzjonijiet soċjali*** għandhom jiġu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet tal-Unjoni, b'mod partikolari bil-għan li jiġi mħeġġeġ l-iżvilupp sostenibbli. Din id-Direttiva tiċċara kif l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli ***u kif jistgħu jużaw is-setgħa ta' diskrezzjoni tagħhom biex jagħżlu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-kriterji għall-għoti bil-għan li jintlaħaq akkwist pubbliku sostenibbli***, filwaqt li tiżgura ***rabta mas-suġġett tal-kuntratt u takkwista*** l-aħjar valur għall-flus għall-kuntratti tagħhom.

*(5a) L-akkwist pubbliku jirrappreżenta madwar 19 % tal-PDG globali, jew kważi 40 darba l-ammont ipprovdut mill-Istati Membri tal-UE bħala Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA). Bħala tali għandu potenzjal enormi bħala strument biex jintlaħqu l-obbligi tal-UE fir-rigward tal-Politika ta' Koerenza għall-iżvilupp kif imniżżlin fl-Artikolu 208 tat-TFUE u għall-implimentazzjoni ta' politiki tal-gvern sostenibbli kemm fl-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw.*

## **Emenda 8**

### **Proposta għal direttiva Premessa 5b (ġdida)**

*(5b) L-awtoritajiet kontraenti għandhom diskrezzjoni wiesgħa biex jagħżlu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jiddefinixxu l-provvisti, is-servizzi, jew ix-xogħlijiet li jixtiequ jakkwistaw. Barra minn hekk, għandhom diskrezzjoni wiesgħa biex jużaw kemm l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kif ukoll kriterji għall-għoti biex jintlaħqu l-objettivi ta' awtorità kontraenti, inklużi speċifikazzjonijiet u kriterji mfassla biex jinkiseb akkwist pubbliku aktar sostenibbli. Speċifikazzjonijiet tekniċi u kriterji għall-għoti, inklużi dawk relatati ma' objettivi ta' sostenibbiltà, għandhom ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt ta' akkwist. Bil-kundizzjoni li r-regola dwar ir-rabta mas-suġġett inkwistjoni tiġi ssodisfata, din id-Direttiva ma għandhiex l-intenzjoni li tirrestrinġi ulterjorment it-tipi ta' kwistjonijiet li awtorità kontraenti tista' tindirizza permezz ta' speċifikazzjonijiet tekniċi jew kriterji tal-għoti.*

## Emenda 9

### Proposta għal direttiva Premessa 5c (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(5c) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-kriterji tal-għoti u l-kundizzjonijiet għall-prestazzjoni tal-kuntratti jiġu distinti mirwol li għandhom fil-proċess ta' akkwist u mhux mill-kontenut tagħhom. Permezz tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, l-awtorità kontraenti tiddefinixxi r-rekwiżiti assoluti; il-kapaċità li jintlaħqu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi hija prerekwiżit biex wieħed jitqies kandidat għall-kuntratt u huma biss dawk il-prodotti jew is-servizzi li jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet li jistgħu jiġu kkunsidrati. Min-naħa l-oħra, l-kriterji tal-għoti jippermettu lill-awtorità kontraenti tqabbel il-vantaġġi relattivi ta' taħlita differenti ta' kriterji. Il-kriterji għall-għoti huma eżaminati u kull offerta tingħata marka abbażi ta' kemm tissodisfa kull kriterju, iżda l-kapaċità li tissodisfa l-kriterji tal-għoti kollha mhijiex prerekwiżit. Fl-aħħarnett, klawsoli ta' prestazzjoni tal-kuntratt jistgħu jiġu inklużi fil-kuntratt biex jindikaw kif għandu jitwettaq il-kuntratt. Awtorità kontraenti għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa sabiex tinkorpora l-oġettivi ta' sostenibbiltà tagħha fi kwalunkwe stadju tal-proċess ta' akkwist - permezz ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, kriterji għall-għoti, u kundizzjonijiet ta' prestazzjoni tal-kuntratt.*

## Emenda 10

### Proposta għal direttiva Premessa 17

(17) Ir-riċerka u l-innovazzjoni, inklużi l-eko-innovazzjoni u l-innovazzjoni soċjali, huma fost il-muturi ewlenin tat-tkabbir ġejjieni filwaqt li tqiegħdu fiċ-ċentru tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. L-awtoritajiet pubbliċi għandhom jagħmlu l-aħjar użu strateġiku mill-akkwist pubbliku biex b'hekk jixprunaw l-innovazzjoni. Ix-xiri ta' oġġetti u servizzi innovattivi għandu rwol ewlieni fit-titjib tal-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi pubbliċi filwaqt li jindirizza l-isfidi soċjetali ewlenin. Jikkontribwixxi għall-kisba tal-aħjar valur għall-flus pubbliċi kif ukoll għall-benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjali usa' f'termini ta' ħolqien ta' ideat ġodda, u jsarrafhom fi prodotti u servizzi innovattivi u b'hekk jippromwovi t-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Din id-direttiva għandha tikkontribwixxi biex tiffaċilita l-akkwist pubbliku ta' innovazzjoni u tgħin lill-Istati Membri fl-ilħuq tal-miri tal-Unjoni tal-Innovazzjoni. Għaldaqstant, għandha tiġi pprovduta proċedura speċifika ta' akkwist li tippermetti lill-awtoritajiet kontraenti jistabbilixxu sħubija tal-innovazzjoni fit-tul għall-iżvilupp u x-xiri sussegwenti ta' prodotti, servizzi jew xogħlijiet ġodda u innovattivi, sakemm dawn ikunu jistgħu jitwasslu fil-livelli ta' prestazzjoni u l-ispejjeż miftehma. Is-sħubija għandha tiġi strutturata b'tali mod li tkun tista' tipprovdi l-*'forza tas-suq'* meħtieġa biex b'hekk tinċentiva l-iżvilupp ta' soluzzjoni innovattiva mingħajr ma jingħalaq is-suq.

(17) Ir-riċerka u l-innovazzjoni, inklużi l-eko-innovazzjoni u l-innovazzjoni soċjali, huma fost il-muturi ewlenin tat-tkabbir ġejjieni filwaqt li tqiegħdu fiċ-ċentru tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. L-awtoritajiet pubbliċi għandhom jagħmlu l-aħjar użu strateġiku mill-akkwist pubbliku biex b'hekk jixprunaw l-innovazzjoni. Ix-xiri ta' oġġetti u servizzi innovattivi għandu rwol ewlieni fit-titjib tal-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi pubbliċi filwaqt li jindirizza l-isfidi soċjetali ewlenin. Jikkontribwixxi għall-kisba tal-aħjar valur għall-flus pubbliċi kif ukoll għall-benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjali usa' f'termini ta' ħolqien ta' ideat ġodda, u jsarrafhom fi prodotti u servizzi innovattivi u b'hekk jippromwovi t-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Din id-direttiva għandha tikkontribwixxi biex tiffaċilita l-akkwist pubbliku ta' innovazzjoni u tgħin lill-Istati Membri fl-ilħuq tal-miri tal-Unjoni tal-Innovazzjoni. Għaldaqstant, għandha tiġi pprovduta proċedura speċifika ta' akkwist li tippermetti lill-awtoritajiet kontraenti jistabbilixxu sħubija tal-innovazzjoni fit-tul għall-iżvilupp u x-xiri sussegwenti ta' prodotti, servizzi jew xogħlijiet ġodda u innovattivi, sakemm dawn ikunu jistgħu jitwasslu fil-livelli ta' prestazzjoni u l-ispejjeż miftehma. Is-sħubija għandha tiġi strutturata b'tali mod li tkun tista' tipprovdi l-*'forza tas-suq'* meħtieġa biex b'hekk tinċentiva l-iżvilupp ta' soluzzjoni innovattiva mingħajr ma jingħalaq is-suq. ***Barra minn hekk, meta jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet tal-akkwist pubbliku, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jingħataw għażla bejn għoti ta' kuntratt fuq il-bażi tal-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża jew abbażi tal-aktar innovattiva u sostenibbli (u, fejn rilevanti, dik l-aktar avvanzata teknoloġikament), u għandhom jagħmluha ċara, meta***

*jipublikaw l-istedina għall-offerti, liema minn dawn se tkun applikata.*

## **Emenda 11**

### **Proposta għal direttiva Premessa 28**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(28) L-awtoritajiet kontraenti li jixtiequ jixtru xogħlijiet, provvisti jew servizzi b'karatteristiċi ambjentali, soċjali jew karatteristiċi oħrajn għandhom ikunu jistgħu jirreferu għal tikketti partikolari, bħall-Eko-tikketta Ewropea, l-eko-tikketti (multi-) nazzjonali jew kull tikketta oħra, sakemm il-ħtiġijiet għat-tikketta jkunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt, bħalma huma d-deskrizzjoni tal-prodott u l-preżentazzjoni tiegħu, inklużi r-rekwiżiti għall-imballaġ. Barra minn hekk huwa essenzjali li dawn ir-rekwiżiti jitfassla u jiġu adottati fuq il-bażi ta' kriterji verifikabbli oġġettivament, permezz ta' proċedura li jistgħu jipparteċipaw fiha l-partijiet interessati, bħal korpi governattivi, konsumaturi, manifatturi, distributuri u organizzazzjonijiet ambjentali, filwaqt li t-tikketta tkun aċċessibbli u disponibbli għall-partijiet interessati kollha.

#### *Emenda*

(28) L-awtoritajiet kontraenti li jixtiequ jixtru xogħlijiet, provvisti jew servizzi b'karatteristiċi ambjentali, ***dwar l-effiċjenza enerġetika***, soċjali, ***tal-benessri tal-annimali*** jew karatteristiċi oħrajn għandhom ikunu jistgħu jirreferu għal tikketti partikolari, bħall-Eko-tikketta Ewropea, l-eko-tikketti (multi-) nazzjonali jew kull tikketta oħra, sakemm il-ħtiġijiet għat-tikketta jkunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt, bħalma huma d-deskrizzjoni tal-prodott u l-preżentazzjoni tiegħu, inklużi r-rekwiżiti għall-imballaġ. Barra minn hekk huwa essenzjali li dawn ir-rekwiżiti jitfassla u jiġu adottati fuq il-bażi ta' kriterji verifikabbli oġġettivament, permezz ta' proċedura li jistgħu jipparteċipaw fiha l-partijiet interessati, bħal korpi governattivi, konsumaturi, manifatturi, distributuri u organizzazzjonijiet ambjentali, filwaqt li t-tikketta tkun aċċessibbli u disponibbli għall-partijiet interessati kollha.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Referenza għall-effiċjenza u l-iffrankar enerġetiku hija essenzjali meta tikkunsidra d-Direttiva tal-Ekodisinn u d-dispożizzjonijiet tagħha għall-prodotti.*

## **Emenda 12**

### **Proposta għal direttiva Premessa 34**

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(34) Il-kuntratti pubbliċi ma għandhomx jingħataw lill-atturi ekonomiċi li jkunu pparteċipaw f'organizzazzjoni kriminali jew li jkunu nstabu ħatja ta' korruzzjoni, frodi għad-detriment tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew ħasil tal-flus. Innuqqas ta' ħlas ta' taxxi jew ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għandu jiġi sanzjonat ukoll b'esklużjoni mandatorja fil-livell tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kontraenti għandha tingħatalhom il-possibbiltà li jeskludu kandidati jew offerenti minħabba ksur ta' obbligi **soċjali jew** ambjentali, inklużi regoli dwar l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabilità jew forom oħra ta' kondotta professjonali skorretta serjament, bħal ksur ta' regoli tal-kompetizzjoni jew ta' drittijiet ta' proprjetà intellettuali.

### **Emenda**

#### **Proposta għal direttiva Premessa 37**

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(37) Il-kuntratti għandhom jingħataw fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi li jiżguraw il-konformità mal-prinċipji ta' trasparenza, nondiskriminazzjoni u trattament ugwali. Dawn il-kriterji għandhom jiggarrantixxu li l-offerti huma vvalutati f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni effettiva, anke meta l-awtoritajiet kontraenti jirrikjedu xogħlijiet, provvisti u servizzi ta' kwalità għolja li huma l-iktar adattati għall-bżonnijiet tagħhom, pereżempju meta l-kriterji tal-għoti magħżula jinkludu fatturi marbuta mal-proċess ta' produzzjoni. Bħala riżultat, l-awtoritajiet kontraenti għandhom **ikunu jistgħu** jadottaw bħala kriterji tal-għoti **jew** 'l-iktar offerta ekonomikament

### *Emenda*

(34) Il-kuntratti pubbliċi ma għandhomx jingħataw lill-atturi ekonomiċi li jkunu pparteċipaw f'organizzazzjoni kriminali jew li jkunu nstabu ħatja ta' korruzzjoni, frodi għad-detriment tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew ħasil tal-flus. Innuqqas ta' ħlas ta' taxxi jew ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għandu jiġi sanzjonat ukoll b'esklużjoni mandatorja fil-livell tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kontraenti għandha tingħatalhom il-possibbiltà li jeskludu kandidati jew offerenti minħabba ksur ta' obbligi ambjentali, **soċjali jew tal-benessri tal-animali**, inklużi regoli dwar l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabilità jew forom oħra ta' kondotta professjonali skorretta serjament, bħal ksur ta' regoli tal-kompetizzjoni jew ta' drittijiet ta' proprjetà intellettuali.

### *Emenda*

(37) Il-kuntratti għandhom jingħataw fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi li jiżguraw il-konformità mal-prinċipji ta' trasparenza, nondiskriminazzjoni u trattament ugwali. Dawn il-kriterji għandhom jiggarrantixxu li l-offerti huma vvalutati f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni effettiva, anke meta l-awtoritajiet kontraenti jirrikjedu xogħlijiet, provvisti u servizzi ta' kwalità għolja li huma l-iktar adattati għall-bżonnijiet tagħhom, pereżempju meta l-kriterji tal-għoti magħżula jinkludu fatturi marbuta mal-proċess ta' produzzjoni. Bħala riżultat, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jadottaw bħala kriterji tal-għoti 'l-iktar

vantaġġuża' *jew 'l-irħas waħda', b'kunsiderazzjoni li fil-każ tal-aħħar, huma liberi li jstabbilixxu standards ta' kwalità adegwati billi jużaw speċifikazzjonijiet tekniċi jew kundizzjonijiet għat-twettiq tal-kuntratt.*

offerta ekonomikament vantaġġuża.

## Emenda 14

### Proposta għal direttiva Premessa 38

*Test propost mill-Kummissjoni*

(38)  
*Meta l-awtoritajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratt lill-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża, dawn għandhom jiddeterminaw il-kriterji ta' għoti fuq il-bażi li bihom se jivvalutaw l-offerti sabiex jiġi identifikat liema waħda toffri l-aħjar valur għall-flus. L-għażla ta' dawn il-kriterji tiddependi fuq is-suġġett tal-kuntratt billi dawn għandhom jippermettu l-evalwazzjoni tal-livell ta' prestazzjoni proposta minn kull offerta fid-dawl tas-suġġett tal-kuntratt, kif definit fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, u l-valur għall-flus ta' kull offerta li għandha titkejjel. Barra minn hekk, il-kriterji tal-għoti magħżula ma għandhomx jikkonferixxu liberta' tal-għażla mhix ristretta fuq l-awtorità kontraenti u għandhom jiżguraw il-possibbiltà ta' kompetizzjoni effettiva u jkun akkumpanjati minn rekwiżiti li jippermettu li l-informazzjoni pprovduta mill-offerenti tkun ivverifikata b'mod effikaċi.*

## Emenda 15

### Proposta għal direttiva Premessa 39

*Emenda*

(38) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jiddeterminaw il-kriterji ta' għoti fuq il-bażi li bihom se jivvalutaw l-offerti sabiex jiġi identifikat liema waħda toffri l-aħjar valur għall-flus. *Biex jiddeterminaw liema offerta tirrappreżenta l-aħjar valur, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jużaw kriterji oġġettivi marbuta mas-suġġett tal-kuntratt. Madankollu, il-kriterji tal-għoti magħżula ma għandhomx jikkonferixxu liberta' tal-għażla mhix ristretta fuq l-awtorità kontraenti. Il-proċedura għall-għoti għandha minflok tiggarrantixxi l-kompetizzjoni effettiva permezz ta' konformità stretta mal-prinċipji tat-trasparenza, nondiskriminazzjoni u trattament ugwali. Dawn il-prinċipji jeħtieġu, fost affarjiet oħra, li l-informazzjoni pprovduta mill-offerenti tkun ivverifikata b'mod effikaċi u trasparenti.*

(39) Huwa tal-akbar importanza li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-akkwist pubbliku sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir sostenibbli. Fl-isfond tad-differenzi importanti bejn is-setturi individwali u s-swieq, ma jkunx xieraq madankoll li jkunu stabbiliti rekwiżiti obbligatorji għal akkwist ambjentali, soċjali u innovattiv. Il-leġiżlatur tal-Unjoni stabbilixxa diġà rekwiżiti tal-akkwist obbligatorji għall-ilħuq tal-għanijiet speċifiċi fis-setturi tal-vetturi ta' trasport fuq it-triq (id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija) u t-tagħmir tal-uffiċċju (ir-Regolament (KE) Nru 106/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar programm Komunitarju ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir tal-uffiċċju). Barra minn hekk, id-definizzjoni ta' metodoloġiji komuni għall-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja *avvanzat* b'mod sinifikanti. Għaldaqstant jidher xieraq li nkomplu *fuq dak il-perkors u nħallu l-leġiżlazzjoni* speċifika għas-settur biex tistabbilixxi objettivi obbligatorji u miri *fir-rigward ta' politiki* partikolari u kundizzjonijiet prevalenti fis-settur rilevanti *u li nippromwovu l-iżvilupp u l-użu ta' approċċi Ewropej għall-ispiża taċ-ċiklu tal-ħajja bħala sostenn ulterjuri* għall-użu tal-akkwist pubbliku b'appoġġ għat-tkabbir sostenibbli.

(39) Huwa tal-akbar importanza li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-akkwist pubbliku sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir sostenibbli. Fl-isfond tad-differenzi importanti bejn is-setturi individwali u s-swieq, ma jkunx xieraq madankoll li jkunu stabbiliti rekwiżiti obbligatorji għal akkwist ambjentali, soċjali u innovattiv. Il-leġiżlatur tal-Unjoni stabbilixxa diġà rekwiżiti tal-akkwist obbligatorji għall-ilħuq tal-għanijiet speċifiċi fis-setturi tal-vetturi ta' trasport fuq it-triq (id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija) u t-tagħmir tal-uffiċċju (ir-Regolament (KE) Nru 106/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar programm Komunitarju ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir tal-uffiċċju). Barra minn hekk, id-definizzjoni ta' metodoloġiji komuni għall-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja *tkompli tagħmel progress* b'mod sinifikanti, *u applikazzjonijiet speċifiċi għas-settur taċ-ċiklu tal-ħajja jibqgħu jiġu żviluppati, ittestjati, u raffinati*. Għaldaqstant jidher xieraq li nkomplu *nużaw il-leġiżlazzjoni* speċifika għas-settur biex tistabbilixxi objettivi obbligatorji u miri *fil-kuntest tal-politiki* partikolari u kundizzjonijiet prevalenti fis-settur rilevanti għall-użu tal-akkwist pubbliku b'appoġġ għat-tkabbir sostenibbli. *Dawn l-isforzi għandhom jinkorporaw applikazzjonijiet xierqa għas-settur, ta' metodoloġiji b'saħħithom għall-ikkostjar taċ-ċiklu tal-ħajja. B'konformità ma' dispożizzjonijiet oħra ta' din id-Direttiva, kriterji obbligatorji ta' xiri adottati permezz ta' leġiżlazzjoni speċifika għas-settur jistgħu jinkludu wkoll speċifikazzjonijiet tekniċi u kriterji għall-*



*għoti li jinkorporaw kunsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà relatati ma' benefiċċji jew elementi ta' ħsara ġeneralizzati soċjali u ambjentali, anki meta dawn ma kinux jew ma jistgħux jiġu monetizzati, sakemm ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt u jaderixxu strettament mal-prinċipji tat-trasparenza, nondiskriminazzjoni, u l-protezzjoni ugwali.*

## Emenda 16

### Proposta għal direttiva Premessa 41

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(41) Barra minn hekk, fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-kriterji tal-għoti, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jitħallew jirreferu għal proċess ta' produzzjoni speċifiku, mod speċifiku ta' provvista ta' servizzi, jew proċess speċifiku għal kull stadju ieħor matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott jew servizz, sakemm dawn ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku. Sabiex il-kunsiderazzjonijiet soċjali jkunu integrati aħjar fl-akkwist pubbliku, ix-xerrejja jistgħu jkunu jistgħu wkoll jinkludu, fil-kriterju tal-għoti tal-iktar offerta ekonomikament vantaġġuża, karatteristiċi relatati mal-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-persuni li jipparteċipaw direttament fil-proċess ta' produzzjoni jew il-provvediment inkwistjoni. Dawk il-karatteristiċi jistgħu jikkonċernaw biss ***il-protezzjoni tas-saħħa*** tal-persunal involut fil-proċess tal-produzzjoni jew l-iffaċilitar tal-integrazzjoni soċjali ta' persuni żvantaġġati jew membri ta' gruppi vulnerabbli fost il-persuni assenjati biex iwettqu l-kuntratt, inkluża l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltajiet. Kull kriterju tal-għoti li jinkludi dawk il-karatteristiċi għandu ,fi kwalunkwe każ, jibqa' limitat għal dawk il-karatteristiċi li għandhom

#### *Emenda*

(41) Barra minn hekk, fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-kriterji tal-għoti, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jitħallew jirreferu għal proċess ta' produzzjoni speċifiku, mod speċifiku ta' provvista ta' servizzi, jew proċess speċifiku għal kull stadju ieħor matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott jew servizz, sakemm dawn ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku. Sabiex il-kunsiderazzjonijiet soċjali jkunu integrati aħjar fl-akkwist pubbliku, ix-xerrejja jistgħu jkunu jistgħu wkoll jinkludu, fil-kriterju tal-għoti tal-iktar offerta ekonomikament vantaġġuża, karatteristiċi relatati mal-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-persuni li jipparteċipaw direttament fil-proċess ta' produzzjoni jew il-provvediment inkwistjoni. Dawk il-karatteristiċi jistgħu jikkonċernaw biss ***il-kundizzjonijiet tax-xogħol*** tal-persunal involut fil-proċess tal-produzzjoni jew l-iffaċilitar tal-integrazzjoni soċjali ta' persuni żvantaġġati jew membri ta' gruppi vulnerabbli fost il-persuni assenjati biex iwettqu l-kuntratt, inkluża l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltajiet. Kull kriterju tal-għoti li jinkludi dawk il-karatteristiċi għandu ,fi kwalunkwe każ, jibqa' limitat għal dawk il-karatteristiċi li għandhom

konegwenzi immedjati fuq *il-membri* tal-persunal *fl-ambjent tax-xogħol tagħhom*. Huma għandhom ikunu applikati skont id-Direttiva 97/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi [provvediment ta' servizzi] u b'mod li ma jiddiskriminax direttament jew indirettament kontra atturi ekonomiċi minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi firmatarji tal-Ftehim jew Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles li tagħhom l-Unjoni hija firmatarja. Għall-kuntratti ta' servizz u għall-kuntratti li jinvolvu d-disinn ta' xogħlijiet, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jitħallew jużaw bħala kriterju għall-għoti, l-organizzazzjoni, il-kwalifiki u l-esperjenza tal-persunal assenjat li jwettaq il-kuntratt inkwistjoni, minħabba li dan jista' jaffettwa l-kwalità tat-prestazzjoni tal-kuntratt u, bħala riżultat, il-valur ekonomiku tal-offerta.

## Emenda 17

### Proposta għal direttiva Premessa 43

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(43) Il-kundizzjonijiet ta' eżekuzzjoni tal-kuntratti huma kompatibbli ma' din id-Direttiva sakemm dawn ma jkunux direttament jew indirettament diskriminatorji, ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt u jkunu indikati fl-avviż dwar il-kuntratt, l-avviż ta' informazzjoni minn qabel li jintuża bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni jew id-dokumenti ta' akkwist. Dawn jistgħu, b'mod partikolari, ikunu maħsuba biex jiffavorixxu t-taħriġ vokazzjonali fuq il-post, l-impjieg ta' nies li qed iġarrbu diffikultà biex jintegraw ruħhom, il-ġlieda kontra l-qagħad jew il-protezzjoni tal-ambjent jew il-benessri tal-annimali. Pereżempju, fost affarijiet oħra,

konegwenzi immedjati fuq *il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-membri* tal-persunal. Huma għandhom ikunu applikati skont id-Direttiva 97/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi [provvediment ta' servizzi] u b'mod li ma jiddiskriminax direttament jew indirettament kontra atturi ekonomiċi minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi firmatarji tal-Ftehim jew Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles li tagħhom l-Unjoni hija firmatarja. Għall-kuntratti ta' servizz u għall-kuntratti li jinvolvu d-disinn ta' xogħlijiet, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jitħallew jużaw bħala kriterju għall-għoti, l-organizzazzjoni, il-kwalifiki u l-esperjenza tal-persunal assenjat li jwettaq il-kuntratt inkwistjoni, minħabba li dan jista' jaffettwa l-kwalità tat-prestazzjoni tal-kuntratt u, bħala riżultat, il-valur ekonomiku tal-offerta.

#### *Emenda*

(43) Il-kundizzjonijiet ta' eżekuzzjoni tal-kuntratti huma kompatibbli ma' din id-Direttiva sakemm dawn ma jkunux direttament jew indirettament diskriminatorji, ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt u jkunu indikati fl-avviż dwar il-kuntratt, l-avviż ta' informazzjoni minn qabel li jintuża bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni jew id-dokumenti ta' akkwist. Dawn jistgħu, b'mod partikolari, ikunu maħsuba biex jiffavorixxu t-taħriġ vokazzjonali fuq il-post, l-impjieg ta' nies li qed iġarrbu diffikultà biex jintegraw ruħhom, il-ġlieda kontra l-qagħad jew il-protezzjoni tal-ambjent, *il-protezzjoni tas-saħħa pubblika* jew il-benessri tal-

jistgħu jissemmew ir-rekwiżiti — applikabbli matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt — biex jiġu ingaġġati persuni li ilhom ifittxu impjieg jew biex jiġu implimentati miżuri ta' taħriġ għall-persuni qiegħda jew għaż-żgħażaġh, biex jikkonformaw fis-sustanza mal-Konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), anki meta dawn il-Konvenzjonijiet ma jkunux ġew implimentati fil-liġi nazzjonali, u biex jiġu ingaġġati aktar persuni żvantaġġjati milli huma meħtieġa skont il-leġislazzjoni nazzjonali.

animali. Pereżempju, fost affarijiet oħra, jistgħu jissemmew ir-rekwiżiti — applikabbli matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt — biex jiġu ingaġġati persuni li ilhom ifittxu impjieg jew biex jiġu implimentati miżuri ta' taħriġ għall-persuni qiegħda jew għaż-żgħażaġh, biex jikkonformaw fis-sustanza mal-Konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), ***b'mod partikolari l-Konvenzjoni 94 tal-ILO***, anki meta dawn il-Konvenzjonijiet ma jkunux ġew implimentati fil-liġi nazzjonali, u biex jiġu ingaġġati aktar persuni żvantaġġjati milli huma meħtieġa skont il-leġislazzjoni nazzjonali.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tenfasizza l-importanza tal-Konvenzjoni 94 tal-ILO dwar il-Klawżoli tax-Xogħol (Kuntratti Pubbliċi) li b'mod speċifiku tirregola l-akkwist pubbliku. L-UE għandha tikkommetti ruħha għall-istandards tal-ILO.*

#### **Emenda 18**

##### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Fis-sens ta' din id-Direttiva l-akkwist huwa x-xiri ***jew forom oħra ta' akkwist*** ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi minn awtorità kontraenti waħda jew aktar mingħand atturi ekonomiċi magħżula minn dawk l-awtoritajiet kontraenti, ***sew jekk ix-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi huma maħsuba għal skop pubbliku u sew jekk le.***

###### *Emenda*

2. Fis-sens ta' din id-Direttiva l-akkwist huwa x-xiri ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi permezz ta' kuntratti pubbliċi minn awtorità kontraenti ***permezz ta' kuntratti pubbliċi*** waħda jew aktar mingħand atturi ekonomiċi magħżula minn dawk l-awtoritajiet kontraenti.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din il-bidla hija meħtieġa sabiex il-muniċipalitajiet ikunu jistgħu jikkooperaw b'mod effettiv sabiex jipprovdu ċerti servizzi ta' interess ġenerali, bħal pereżempju t-trattament tal-iskart u l-ilma.*

## Emenda 19

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Firxa sħiħa ta' xogħlijiet, provvisti u/jew servizzi, anki jekk mixtrija permezz ta' kuntratti differenti, tikkostitwixxi akkwist wieħed skont it-tifsira ta' din id-Direttiva, jekk il-kuntratti jkunu parti minn proġett wieħed.*

*imħassar*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din il-bidla hija meħtieġa sabiex il-muniċipalitajiet ikunu jistgħu jikkooperaw b' mod effettiv sabiex jipprovdu ċerti servizzi ta' interess ġenerali, bħal pereżempju t-trattament tal-iskart u l-ilma.*

## Emenda 20

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2a. Kuntratt mogħti minn awtorità kontraenti lil persuna ġuridika ma għandux jibqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:*

*a) l-awtorità kontraenti teżerċita kontroll fuq il-persuna ġuridika kkonċernata li huwa simili għal dak li teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess.*

*b) il-parti essenzjali tal-attivitajiet ta' dik il-persuna ġuridika titwettaq għall-awtorità kontraenti li teżerċita l-kontroll jew għal persuni ġuridiki oħra kkontrollati minn dik l-awtorità kontraenti;*

*c) ma jkun hemm l-ebda parteċipazzjoni privata fil-persuna ġuridika kkontrollata.*

*(Test mill-Artikolu 11, para 1 tal-proposta tal-Kummissjoni – b' modifiki)*

## *Ġustifikazzjoni*

*Din il-bidla hija meħtieġa sabiex il-muniċipalitajiet ikunu jistgħu jikkooperaw b'mod effettiv sabiex jipprovdu ċerti servizzi ta' interess ġenerali, bħal pereżempju t-trattament tal-iskart u l-ilma. Din titratta l-kamp ta' applikazzjoni u, għalhekk, l-Artikolu 11 tal-proposta tal-Kummissjoni qed jitmexxa fl-Artikolu 1 b'xi emendi.*

### **Emenda 21**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 2b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2b. Il-paragrafu 2a (ġdid) japplika wkoll fejn entità jew entitajiet ikkontrollata/i li tkun awtorità kontraenti tagħti kuntratt lill-entità ta' kontroll tagħha, jew lil persuna ġuridika oħra kkontrollata mill-istess awtorità kontraenti, bil-kundizzjoni li ma jkun hemm l-ebda parteċipazzjoni privata min-naħa tal-persuna ġuridika li tingħata l-kuntratt pubbliku.***

*(Test mill-Artikolu 11, para 2 tal-proposta tal-Kummissjoni – b'modifiki)*

## *Ġustifikazzjoni*

*ara l-emenda tal-Artikolu 1, para 2a (ġdid).*

### **Emenda 22**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 2c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2c. Awtorità kontraenti li ma teżerċitax kontroll fuq persuna ġuridika skont it-tifsira tal-paragrafu 3, xorta waħda tista' tagħti kuntratt ta' appalt barra mill-ambitu ta' din id-Direttiva lil persuna ġuridika li hija tikkontrolla b'mod konġunt ma' awtoritajiet kontraenti oħra, meta jiġu sodisfatti il-kundizzjonijiet li ġejjin:***

- a) l-awtoritajiet kontraenti jeżerċitaw b'mod konġunt fuq il-persuna ġuridika kontroll li jkun simili għal dak li huma jeżerċitaw fuq id-dipartimenti tagħhom stess;*
- b) il-parti essenzjali tal-attivitajiet ta' dik il-persuna ġuridika titwettaq għall-awtoritajiet kontraenti ta' kontroll jew persuni ġuridiċi oħra kkontrollati mill-istess awtoritajiet kontraenti;*
- c) ma jkun hemm l-ebda parteċipazzjoni privata fil-persuna ġuridika kkontrollata.*

*(Test mill-Artikolu 11, para 3 tal-proposta tal-Kummissjoni – b' modifiki)*

#### *Ġustifikazzjoni*

*ara l-emenda tal-Artikolu 1, para 2a (ġdid).*

### **Emenda 23**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 2d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2d. Ftehim konkluż bejn żewġ awtoritajiet kontraenti jew aktar ma għandux jitqies bħala kuntratt pubbliku skont it-tifsira tal-Artikolu 2(7) ta' din id-Direttiva, u għalhekk ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, fejn jintlaħqu l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:**

- a) l-għan tas-sħubija huwa l-provvista ta' kompitu ta' servizz pubbliku mogħti lill-awtoritajiet pubbliċi kollha;*
- b) il-kompitu jitwettaq biss mill-awtoritajiet pubbliċi kkonċernati jiġifieri mingħajr l-involvement ta' kapital privat attiv.*

*(Test mill-Artikolu 11, para 4 tal-proposta tal-Kummissjoni – b' modifiki)*

*Ġustifikazzjoni*

*ara l-emenda tal-Artikolu 1, para 2a (ġdid)*

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 1 – paragrafu 2e (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2e. Madanakollu t-trasferiment tal-kompiti bejn l-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku huwa kwistjoni tal-organizzazzjoni amministrattiva interna tal-Istati Membri u mhux sottopost għar-regoli tal-akkwist.***

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 2 – punt 22a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***22a. 'proċess ta' produzzjoni soċjalment sostenibbli' jfisser il-proċess ta' produzzjoni li fih il-provvista ta' xogħljiet, servizzi u provvisti jirrispetta s-saħħa u s-sigurtà, il-liġi soċjali u tax-xogħol, ir-regoli u l-istandards, b'mod partikolari rigward il-prinċipju tat-trattament indaqs fuq il-post tax-xogħol kif definit mill-Unjoni u l-leġiżlazzjoni nazzjonali u ftehimiet kollettivi, li japplikaw fit-twettag ta' dispożizzjonijiet ta' xogħljiet, servizzi u provvisti.***

## Emenda 26

### Proposta għal direttiva Artikolu 11

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 11*

*imħassar*

#### *Ir-relazzjonijiet bejn l-awtoritajiet pubbliċi*

*1. Kuntratt mogħti minn awtorità  
kontraenti lil persuna ġuridika ma  
għandux jibqa' fil-kamp ta' applikazzjoni  
ta' din id-Direttiva, fejn jiġu ssodisfati l-  
kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:*

*(a) l-awtorità kontraenti teżerċita kontroll  
fuq il-persuna ġuridika kkonċernata li  
huwa simili għal dak li teżerċita fuq id-  
dipartimenti tagħha stess.*

*(b) mill-inqas 90% tal-attivitajiet ta' dik il-  
persuna ġuridika jitwettqu għall-awtorità  
kontraenti li jikkontrollawha jew għal  
persuni ġuridiċi oħra kkontrollati minn  
dik l-awtorità kontraenti;*

*(c) ma jkun hemm l-ebda parteċipazzjoni  
privata fil-persuna ġuridika kkontrollata.*

*Awtorità kontraenti għandha titqies li  
teżerċita kontroll fuq persuna ġuridika li  
huwa analogu għal dak li hija teżerċita  
fuq id-dipartimenti tagħha stess skont it-  
tifisira tal-punt (a) tal-ewwel  
subparagrafu meta din teżerċita  
influenza determinanti kemm fuq l-  
għanijiet strateġiċi kif ukoll fuq id-  
deċiżjonijiet importanti tal-persuna  
ġuridika kkontrollata.*

*2. Il-paragrafu 1 japplika wkoll meta  
entità kkontrollata, li hija awtorità  
kontraenti, tagħti kuntratt lill-entità li  
jkollha l-kontroll tagħha, jew lil xi  
persuna ġuridika kkontrollata mill-istess  
awtorità kontraenti, sakemm ma jkun  
hemm l-ebda parteċipazzjoni privata fil-  
persuna ġuridika li jingħatalha l-kuntratt  
ta' appalt.*



**3. Awtorità kontraenti li ma teżerċitaw kontroll fuq persuna ġuridika skont it-tifsira tal-paragrafu 1, xorta waħda tista' tagħti kuntratt ta' appalt mingħajr ma tapplika din id-Direttiva lil persuna ġuridika li hija tikkontrolla b'mod konġunt ma' awtoritajiet kontraenti oħra, meta jiġu sodisfatti il-kundizzjonijiet li ġejjin:**

**(a) l-awtoritajiet kontraenti jeżerċitaw kontroll fuq il-persuna ġuridika b'mod konġunt li huwa simili għal dak li jeżerċitaw fuq id-dipartimenti tagħhom stess;**

**(b) mill-inqas 90% tal-attivitajiet ta' dik il-persuna ġuridika jitwettqu għall-awtoritajiet kontraenti li jikkontrollawha jew persuni ġuridiċi oħra kkontrollati mill-istess awtoritajiet kontraenti;**

**(c) ma jkun hemm l-ebda parteċipazzjoni privata fil-persuna ġuridika kkontrollata.**

**Għall-finijiet tal-punt (a), l-awtoritajiet kontraenti għandhom jitqiesu li jikkontrollaw b'mod konġunt persuna ġuridika fejn jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:**

**(a) il-korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet tal-persuna ġuridika kkontrollata huma ffurmati minn rappreżentanti ta' kull awtorità kontraenti parteċipanti;**

**(b) dawk l-awtoritajiet kontraenti huma kapaċi jeżerċitaw flimkien influwenza deċiżiva fuq l-għanijiet strateġiċi u d-deċiżjonijiet importanti tal-persuna ġuridika kkontrollata;**

**(c) il-persuna ġuridika kkontrollata ma tfittex l-ebda interess li huwa distint minn dak tal-awtoritajiet pubbliċi li hija affiljata magħhom;**

**(d) il-persuna ġuridika kkontrollata ma tikseb l-ebda gwadann ieħor, minbarra r-rimborż tal-ispejjeż attwali mill-kuntratti pubbliċi mal-awtoritajiet kontraenti.**

**4. Ftehim konkluż bejn żewġ awtoritajiet kontraenti jew aktar ma għandux jitqies bħala kuntratt ta' appalt skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6) ta' din id-Direttiva, meta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:**

**(a) il-ftehim jistabbilixxi kooperazzjoni leali bejn l-awtoritajiet kontraenti parteċipanti, bil-għan li jwettaq b'mod konġunt ix-xogħlijiet ta' servizz pubbliku tagħhom u li jinvolvi drittijiet u obbligi reċiproċi tal-partijiet;**

**(b) il-ftehim huwa regolat biss minn kunsiderazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-interess pubbliku;**

**(c) l-awtoritajiet kontraenti parteċipanti ma jwettqux fis-suq miftuħ aktar minn 10% f'termini tal-fatturat tal-attivitajiet li huma rilevanti fil-kuntest tal-ftehim;**

**(d) Il-ftehim ma jinvolvi trasferimenti finanzjarji bejn awtoritajiet kontraenti parteċipanti, minbarra dawk li jikkorrispondu għar-rimborż tal-ispejjeż attwali tax-xogħlijiet, is-servizzi jew il-provvisti;**

**(e) ma hemmx parteċipazzjoni privata fl-ebda waħda mill-awtoritajiet kontraenti involuti.**

**5. Fil-mument tal-ġoti tal-kuntratt jew tal-konklużjoni tal-ftehim għandu jiġi vverifikat li m'hemm l-ebda parteċipazzjoni privata msemmija fil-paragrafi 1 sa 4.**

**L-esklużjonijiet previsti fil-paragrafi 1 sa 4 għandhom jieqfu milli japplikaw mill-mument li fih isseħħ kwalunkwe parteċipazzjoni privata, bl-effett li l-kuntratti attwali jkunu jridu jinfetħu għall-kompetizzjoni permezz ta' proċeduri regolari ta' akkwist.**

*(Test mkill-Artikolu 11 parzjalment imqiegħed fl-Artikolu 1, para. 2a-d (ġdid))*

## *Ġustifikazzjoni*

*Il-kontenut tal-Artikolu 11 tal-proposta tal-Kummissjoni huwa importanti għall-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u għalhekk qed jitmexxa, b' modifiki, fl-Artikolu 1. B' mod korrispondenti, l-Artikolu 11 tal-proposta tal-Kummissjoni qed jitħassar.*

### **Emenda 27**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 11a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 11a*

***Kuntratti ta' servizz mogħtija abbażi ta' dritt esklużiv.***

***Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-kuntratti ta' servizzi pubbliċi mogħtija minn awtorità kontraenti lil awtorità kontraenti oħra jew lil assoċjazzjoni ta' awtoritajiet kontraenti abbażi ta' dritt esklużiv li huma jgawdu skont liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva ppubblikati li jkunu kumpatibbli mat-trattat.***

## *Ġustifikazzjoni*

*Ir-riintroduzzjoni tal-Artikolu 18 mid-Direttiva 2004/18/KE attwali. Dan l-Artikolu huwa importanti għal operazzjonijiet ta' interess ġenerali, pereżempju l-logħob tal-azzard (lotteriji organizzati mill-Istat) u r-rimi tal-iskart. Permezz ta' dan l-Artikolu huwa possibbli li l-awtoritajiet jirriservaw ċerti operazzjonijiet għal kumpaniji interni speċifiċi. Il-Qorti Ewropea applikat din id-dispożizzjoni fil-każ C-360/96.*

### **Emenda 28**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Jistgħu*** jipprovdu ***wkoll*** li awtoritajiet kontraenti jistgħu ***jużaw*** proċedura kompetittiva permezz tan-negożjar jew djalogu kompetittiv fi kwalunkwe wieħed

***L-Istati Membri għandhom*** jipprovdu li awtoritajiet kontraenti jistgħu ***japplikaw*** proċedura kompetittiva permezz tan-negożjar jew djalogu kompetittiv ***kif regolat f' din id-Direttiva*** fi kwalunkwe

mill-każijiet li ġejjin:

wieħed mill-każijiet li ġejjin:

### *Ġustifikazzjoni*

*F'ċerti każijiet proċedura kompetittiva fin-negozjati tirrappreżenta l-uniku mod possibbli biex jingħataw kuntratti kumplessi. L-awtoritajiet kontraenti għandhom għalhekk ikunu f'qagħda li jagħżlu din it-tip ta' proċedura f'każijiet bħal dawn.*

### **Emenda 29**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jitrassponux fil-liġi nazzjonali tagħhom il-proċedura kompetittiva permezz tan-negozjar, id-djalogu kompetittiv u l-proċeduri tas-sħubija għall-innovazzjoni.***

***imħassar***

### *Ġustifikazzjoni*

*F'ċerti każijiet proċedura kompetittiva fin-negozjati tirrappreżenta l-uniku mod possibbli biex jingħataw kuntratti kumplessi. L-awtoritajiet kontraenti għandhom għalhekk ikunu f'qagħda li jagħżlu din it-tip ta' proċedura f'każijiet bħal dawn.*

### **Emenda 30**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 34a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### ***Artikolu 34a***

***Websajt ċentrali għal sejħa għal offerti b'mod elettroniku***

***Fl-interessi tat-trasparenza, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jipubblikaw l-informazzjoni dwar ix-xogħlijiet li saru, eċċ. f'websajt ċentrali Ewropea stabbilita għal dan il-għan, li tispeċifika l-ammonti, u l-kwantitajiet u affarijiet simili, sabiex awtoritajiet pubbliċi oħra jkunu jistgħu iqabblu l-ħlasijiet għal xogħlijiet***

*komparabbli, eċċ., u jibbażaw is-sejħiet għal offerti fuq din l-informazzjoni, li jista' jnaqqas l-ispejjeż u juri diskrepanzi prinċipali fil-prezzijiet tal-kuntratti.*

### Emenda 31

#### Proposta għal direttiva Artikolu 40 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kif definiti fil-punt 1 tal-Anness VIII għandhom jiġu stabbiliti fid-dokumenti tal-akkwist. Huma għandhom jiddefinixxu l-karatteristiċi meħtieġa ta' xogħol, servizz jew provvista.

*Emenda*

1. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kif definiti fil-punt 1 tal-Anness VIII għandhom jiġu stabbiliti fid-dokumenti tal-akkwist. Huma għandhom jiddefinixxu l-karatteristiċi meħtieġa ta' xogħol, servizz jew provvista *sabiex jintlaħqu l-għanijiet għall-użu, is-sostenibbiltà u l-benesseri tal-annimali tal-awtorità kontraenti.*

### Emenda 32

#### Proposta għal direttiva Artikolu 41 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

Tikketti

*Emenda*

Tikketti *u ċ-ċertifikati ta' standard verifikat ta' parti terza*

*Ġustifikazzjoni*

*L-użu ta' tikketti għandu jitħassar u jinbidel bl-użu ta' standards. L-istandards huma utli billi jiġu mifhuma tajjeb mill-offerenti fil-qasam rilevanti kif ukoll sabiex jiġi evitat li jkun meħtieġ li l-awtoritajiet kontraenti jivvintaw xi ħaġa ġdida. Billi tenfasizza l-użu ta' standards id-Direttiva tiffaċilita l-possibbiltà li l-awtoritajiet kontraenti jistabbilixxu eżiġenzi ambjentali u soċjali.*

### Emenda 33

#### Proposta għal direttiva Artikolu 41 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Fejn l-awtoritajiet kontraenti jistabbilixxu karatteristiċi ambjentali, soċjali jew karatteristiċi oħrajn ta' xogħlijiet, servizz jew provvista f' termini ta' rekwiżiti ta' twettiq jew funzjonali kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 40 (3), dawn jistgħu jkunu jeħtieġu li dawn ix-xogħlijiet, servizzi jew provvisti jingħataw tikketta speċifika, dejjem jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 41 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) ir-rekwiżiti għat-tikketta jikkonċernaw **biss** karatteristiċi li huma marbutin mas-suġġett tal-kuntratt u huma xierqa sabiex jiddefinixxu l-karatteristiċi tax-xogħlijiet, provvisti jew servizzi li huma s-suġġett tal-kuntratt;

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 41 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) ir-rekwiżiti għat-tikketta huma mfassla fuq il-bażi ta' informazzjoni xjentifika jew ibbażati fuq kriterji oġġettivi verifikabbli u mhux diskriminatorji oħrajn;

*Emenda*

1. Fejn l-awtoritajiet kontraenti jistabbilixxu karatteristiċi ambjentali, soċjali jew karatteristiċi oħrajn ta' xogħlijiet, servizz jew provvista f' termini ta' rekwiżiti ta' twettiq jew funzjonali kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 40 (3), dawn jistgħu jkunu jeħtieġu li dawn ix-xogħlijiet, servizzi jew provvisti jingħataw tikketta speċifika ***u/jew ċertifikat ta' standard verifikat ta' parti terza***, dejjem jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

*Emenda*

(a) ir-rekwiżiti għat-tikketta ***u/jew iċ-ċertifikat ta' standard verifikat ta' parti terza*** jikkonċernaw karatteristiċi li huma marbutin mas-suġġett tal-kuntratt u huma xierqa sabiex jiddefinixxu l-karatteristiċi tax-xogħlijiet, provvisti jew servizzi li huma s-suġġett tal-kuntratt;

*Emenda*

(b) ir-rekwiżiti għat-tikketta ***u/jew għaċ-ċertifikat ta' standard verifikat ta' parti terza*** huma mfassla fuq il-bażi ta' informazzjoni xjentifika jew ibbażati fuq kriterji u data oġġettivi verifikabbli u mhux diskriminatorji oħrajn;

## Emenda 36

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 41 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ba) ir-regoli li jmexxu l-għażla huma raġonevolment proporzjonati man-natura tal-kuntratt;*

## Emenda 37

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 41 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) it-tikketti huma stabbiliti fi proċedura miftuħa u trasparenti li fiha jistgħu jipparteċipaw il-partijiet interessati kollha, inklużi l-korpi pubbliċi, il-konsumaturi, il-manifatturi, id-distributuri u l-organizzazzjonijiet ambjentali,

(c) it-tikketti *u/jew iċ-ċertifikati ta' standard verifikat ta' parti terza* huma stabbiliti fi proċedura miftuħa u trasparenti li fiha jistgħu jipparteċipaw il-partijiet interessati kollha, inklużi l-korpi pubbliċi, il-konsumaturi, il-manifatturi, id-distributuri u l-organizzazzjonijiet ambjentali,

## Emenda 38

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 41 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(d) it-tikketti huma aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha.

(d) it-tikketti *u/jew iċ-ċertifikati ta' standard verifikat ta' parti terza* huma aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha.

## Emenda 39

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 41 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) il-kriterji tat-tikketti huma stipulati minn parti terza li hija indipendenti mill-attur ekonomiku li jkun qed japplika għat-tikketta.

*Emenda*

(e) il-kriterji tat-tikketti ***u/jew iċ-ċertifikat ta' standard verifikat ta' parti terza*** huma stipulati minn parti terza li hija indipendenti mill-attur ekonomiku li jkun qed japplika għat-tikketta. ***Il-parti terza tista' tkun korp jew organizzazzjoni speċifika nazzjonali jew governattiva.***

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 41 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Fejn ***tikketta tissodisfa l-kundizzjonijiet speċifikati fil-punti (b), (c), (d) u (e) tal-paragrafu 1 iżda anki tistabbilixxi*** rekwiżiti mhux marbutin mas-suġġett tal-kuntratt, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jiddefinixxu l-ispeċifikazzjoni teknika b'referenza ***għal dawk tal-ispeċifikazzjonijiet*** dettaljati ta' ***dik it-tikketta***, jew inkella, fejn dan ikun neċessarju, partijiet minnha li huma marbutin mas-suġġett tal-kuntratt u li jkunu xierqa sabiex jiddefinixxu l-karatteristiċi ta' dan is-suġġett.

*Emenda*

2. Fejn ***standard verifikat ta' parti terza ma jissodisfax id-definizzjoni fil-punt 6 tal-Anness VIII minħaba li l-kriterji tiegħu jistabbilixxu*** rekwiżiti mhux marbutin mas-suġġett tal-kuntratt, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jiddefinixxu l-ispeċifikazzjoni teknika b'referenza ***għall-ispeċifikazzjonijiet*** dettaljati ta' ***dak l-istandard***, jew inkella, fejn dan ikun neċessarju, partijiet minnu li huma marbutin mas-suġġett tal-kuntratt u li jkunu xierqa sabiex jiddefinixxu l-karatteristiċi ta' dan is-suġġett.

*Ġustifikazzjoni*

*L-għan ta' din l-emenda huwa li jenfasizza l-użu ta' standards ta' partijiet terzi fl-akkwist pubbliku. Bl-użu ta' standards verifikati ta' parti terza l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti jkollhom għodda ċara, eliġibbli u utli. Il-fatt li prodott jew servizz jilħaq standards verifikati ta' parti terza jservi bħala evidenza li l-kriterji tal-awtorità kontraenti jkunu ntlaħqu.*



## Emenda 41

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 41 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*L-awtorità kontraenti tista' tiddikjara fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħha li għandu jitqies li x-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi li jikkonformaw ma' standard bħal dan jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. L-awtoritajiet kontraenti għandhom jaċċettaw ukoll l-istandards ekwivalenti kollha li jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet indikati mill-awtoritajiet kontraenti. Fejn ma jkunx ġie verifikat minn parti terza li x-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi jikkonformaw ma' standard bħal dan, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jaċċettaw ukoll dossier tekniku tal-manifattur jew mezz ieħor xieraq ta' evidenza bħal ċertifikati u dikjarazzjonijiet.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-użu ta' tikketti għandu jitħassar u jinbidel bl-użu ta' standards. L-istandards huma utli billi jiġu mifhuma tajjeb mill-offerenti fil-qasam rilevanti kif ukoll sabiex jiġi evitat li jkun meħtieġ li l-awtoritajiet kontraenti jivvintaw xi ħaġa ġdida. Billi tenfasizza l-użu ta' standards id-Direttiva tiffaċilita l-possibbiltà li l-awtoritajiet kontraenti jistabbilixxu eżiġenzi ambjentali u soċjali.*

## Emenda 42

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 55 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. **Kull** kandidat jew offerent li qiegħed f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 **jista'** jipprovdi lill-awtorità kontraenti bil-provi li juru l-affidabilità tiegħu minkejja l-eżistenza tar-raġuni rilevanti għall-esklużjoni.

4. **Jekk xi** kandidat jew offerent li qiegħed f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 jipprovdi lill-awtorità kontraenti bil-provi li juru l-affidabilità tiegħu minkejja l-eżistenza tar-raġuni rilevanti għall-esklużjoni, **l-awtorità**

**kontraenti tista' tikkunsidra mill-ġdid l-esklużjoni tal-offerta.**

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex ikun żgurat b'mod ċar u mhux ambigwu li l-liġijiet, ir-regolamenti tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali u d-dispożizzjonijiet vinkolanti l-oħra għandhom ikunu rispettati mill-offerent, u li l-awtoritajiet kontraenti jkollhom dritt ċar li jeskludu l-offerenti li ma jkunux konformi magħhom.*

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 56 – paragrafu 1 – punt (ca) (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ca) ir-rispett tal-istandards fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà, il-liġi soċjali u tax-xogħol u dik ambjentali definita bil-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali kif ukoll bi ftehimiet kollettivi.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-użu ta' tikketti għandu jitħassar u jinbidel bl-użu ta' standards. L-istandards huma utli billi jiġu mifhuma tajjeb mill-offerenti fil-qasam rilevanti kif ukoll sabiex jiġi evitat li jkun meħtieġ li l-awtoritajiet kontraenti jivvintaw xi ħaġa ġdida. Billi tenfasizza l-użu ta' standards id-Direttiva tiffaċilita l-possibbiltà li l-awtoritajiet kontraenti jistabbilixxu eżiġenzi ambjentali u soċjali.*

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 56 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. Fir-rigward tal-abilità teknika u professjonali, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jeħtieġu li l-atturi ekonomiċi jkollhom ir-riżorsi umani u tekniċi u l-esperjenza meħtieġa sabiex ***iwettqu l-kuntratt*** bi standard xieraq ta' kwalità. L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jikkonkludu li l-atturi ekonomiċi mhumiex se ***jwettqu l-***

4. Fir-rigward tal-abilità teknika u professjonali, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jeħtieġu li l-atturi ekonomiċi jkollhom ***jew ikunu għamlu provvedimenti sabiex jaċċedu jew jakkwistaw*** ir-riżorsi umani u tekniċi u l-esperjenza meħtieġa sabiex jiżguraw ***it-twettiq tal-kuntratt*** bi standard xieraq ta' kwalità ***u, fejn jintalab***

***kuntratt bi standard xieraq ta' kwalità***  
fejn l-awtorità kontraenti stabbilixxiet li dawn għandhom kunflitti ta' interessi li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv it-twertiq tal-kuntratt.

***dan mill-awtorità kontraenti, skont kwalunkwe klawżola ta' prestazzjoni kuntrattwali speċifikata skont l-Artikolu 70.*** L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jikkonkludu li l-atturi ekonomiċi mhumiex se ***jiżguraw il-prestazzjoni meħtieġa*** fejn l-awtorità kontraenti stabbilixxiet li dawn għandhom kunflitti ta' interessi li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv it-twertiq tal-kuntratt.

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-użu ta' tikketti għandu jitħassar u jinbidel bl-użu ta' standards. L-istandards huma utli billi jiġu mifhuma tajjeb mill-offerenti fil-qasam rilevanti kif ukoll sabiex jiġi evitat li jkun meħtieġ li l-awtoritajiet kontraenti jivvintaw xi ħaġa ġdida. Billi tenfasizza l-użu ta' standards id-Direttiva tiffaċilita l-possibbiltà li l-awtoritajiet kontraenti jistabbilixxu eżiġenzi ambjentali u soċjali.*

#### **Emenda 45**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 56 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1, 2, 3, 4 u 5 japplikaw għall-proċeduri tas-sottokuntrattar u l-operaturi tas-sottokuntrattar.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-għan huwa li l-awtoritajiet tas-sottokuntrattar jingħataw possibilitajiet aħjar sabiex jikkunsidraw is-sottokuntrattar.*

#### **Emenda 46**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 57 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***L-awtoritajiet nazzjonali għandhom joħlqu repożitorji sikuri onlajn għaċ-ċertifikati fejn l-intrapriżi jistgħu***

*jissottomettu d-dokumentazzjoni kollha rilevanti darba kull sentejn. Din id-dokumentazzjoni għandha tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet kontraenti kollha fil-livelli kollha, billi dawn jingħataw numru ta' identifikazzjoni personali.*

## Emenda 47

### Proposta għal direttiva Artikolu 60 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Bħala regola ġenerali, il-prova tal-qagħda ekonomika jew finanzjarja tal-attur ekonomiku tista' tiġi pprovduta permezz ta' waħda jew aktar mir-referenzi elenkati fl-Anness XIV, *parti 1*.

*Emenda*

2. Bħala regola ġenerali, il-prova tal-qagħda ekonomika jew finanzjarja tal-attur ekonomiku, *kif ukoll il-konformità ma' regoli u standards fil-qasam tal-liġi tas-saħħa u s-sikurezza, soċjali u tax-xogħol definita mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali u minn ftehimiet kollettivi li japplikaw fil-post fejn jitwettaq ix-xogħol, is-servizz jew il-provvista*, tista' tiġi pprovduta permezz ta' waħda jew aktar mir-referenzi elenkati fl-Anness XIV.

## Emenda 48

### Proposta għal direttiva Artikolu 61 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

Standards ta' garanzija tal-kwalità u standards ta' ġestjoni ambjentali

*Emenda*

Standards ta' garanzija tal-kwalità u standards ta' ġestjoni ambjentali *u tal-benesseri tal-annimali*

## Emenda 49

### Proposta għal direttiva Artikolu 61 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Meta ssirilhom talba, l-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' Stati Membri oħrajn, skont l-Artikolu 88, kwalunkwe informazzjoni relatata mad-dokumenti mressqa bħala prova ta' konformità mal-istandards tal-kwalità u ambjentali msemija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

*Emenda*

3. Meta ssirilhom talba, l-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri oħra skont l-Artikolu 88, kwalunkwe informazzjoni relatata mad-dokumenti pprovduti bħala prova ta' konformità mal-istandards tal-kwalità u ambjentali ***u tal-benesseri tal-annimali*** msemija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 66 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Mingħajr ħsara għal-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jikkonċernaw ir-remunerazzjoni ta' ċerti servizzi, il-kriterji li l-awtoritajiet kontraenti għandhom jibbażaw l-għoti ta' kuntratti pubbliċi fuqhom ***għandhom ikunu waħda minn dawn li ġejjin:***

***(a) l-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża;***

***(b) l-aktar spiża baxxa.***

***L-ispejjeż jistgħu jiġu valutati, skont l-għażla tal-awtorità kontraenti, fuq il-bażi tal-prezz biss jew billi jintuża approċċ tal-kosteffiċenza, bħall-approċċ tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 67.***

*Emenda*

1. Mingħajr ħsara għal-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jikkonċernaw ir-remunerazzjoni ta' ċerti servizzi, il-kriterji li l-awtoritajiet kontraenti għandhom jibbażaw l-għoti ta' kuntratti pubbliċi fuqhom ***għandha tkun l-offerta l-aktar vantaġġjuża mil-lat ekonomiku, soċjali u ambjentali.***

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 66 – paragrafu 2**

2. Mill-punt ta' vista tal-awtorità kontraenti, l-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża msemmija fil-putn (a) tal-paragrafu 1 għandha tiġi identifikata fuq il-bażi tal-kriterji marbutin mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni. ***Dawk il-kriterji għandhom jinkludu, minbarra l-prezz jew l-ispejjeż imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1, kriterji oħrajn marbutin mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni, bħal:***

***(a) il-kwalità, inklużi l-mertu tekniku, il-karatteristiċi estetiċi u funzjonali, l-aċċessibilità, id-disinjar għall-utenti kollha, il-karatteristiċi ambjentali u l-karattru innovattiv.***

***(b) għal kuntratti ta' servizzi u kuntratti li jinvolvu d-disinjar ta' xogħlijiet, jistgħu jkunu kkunsidrati l-organizzazzjoni, il-kwalifiki u l-esperjenza tal-persunal assenjat għat-twettiq tal-kuntratt inkwistjoni, bil-konsegwenza li, wara l-għoti tal-kuntratt, dan il-persunal jista' jiġi sostitwit biss bil-kunsens tal-awtorità kontraenti, li trid tivverifika li s-sostituti jiżguraw organizzazzjoni u kwalità ekwivalenti;***

***(c) is-servizz ta' wara l-bejgħ u l-assistenza teknika, id-data ta' twassil u l-perjodu ta' twassil jew il-perjodu ta' tlestija;***

***(d) il-proċess speċifiku ta' produzzjoni jew forniment tax-xogħlijiet, provvisti jew servizzi mitluba jew ta' kwalunkwe stadju ieħor tul iċ-ċiklu tal-ħajja msemmi fil-punt (22) tal-Artikolu 2, sa fejn dawk il-kriterji huma speċifikati skont il-paragrafu 4 u jikkonċernaw fatturi direttament involuti f'dawn il-proċessi u jikkaratterizzaw il-proċess speċifiku ta' produzzjoni u forniment tax-xogħlijiet, provvisti jew servizzi mitluba.***

2. Mill-punt ta' vista tal-awtorità kontraenti, l-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża msemmija fil-putn (a) tal-paragrafu 1 għandha tiġi identifikata fuq il-bażi tal-kriterji marbutin mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni. Dawk il-kriterji għandhom jinkludu, minbarra l-prezz jew l-ispejjeż imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1, kriterji oħrajn marbutin mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni.

## Emenda 52

### Proposta għal direttiva Artikolu 66 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Il-kriterji li jissemmew fil-paragrafu 2 jistgħu jinkludu:**

**(a) kwalità, inklużi l-mertu tekniku, il-karatteristiċi estetiċi u funzjonali, l-aċċessibilità, id-disinn għall-utenti kollha;**

**(b) karatteristiċi innovattivi inkluż l-aqwa tekniki disponibbli;**

**(c) kriterji ambjentali u ta' sostenibilità inkluż spejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja kif definiti fl-Artikolu 67 u l-kriterji tal-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku;**

**(d) kriterji tal-proċess ta' produzzjoni soċjalment sostenibbli, li jistgħu jinvolvu wkoll l-impjeg tal-individwi żvantaġġati jew membri ta' gruppi vulnerabbli;**

**(e) għal kuntratti ta' servizzi u kuntratti li jinvolvu d-disinjar ta' xogħolijiet, jistgħu jkunu kkunsidrati l-organizzazzjoni, il-kwalifiki u l-esperjenza tal-persunal assenjat għat-twettiq tal-kuntratt inkwistjoni kif ukoll il-kapaċitajiet, il-ħiliet u l-kondotta professjonali ta' kwalunkwe sottokuntrattur, bil-konsegwenza li, wara l-ġoti tal-kuntratt, dan il-persunal jista' jiġi sostitwit u jkun permess aktar sottokuntrattar biss bil-kunsens tal-awtorità kontraenti, li trid tivverifika li s-sostituti jiżguraw organizzazzjoni u kwalità ekwivalenti;**

**(f) is-servizz ta' wara l-bejgħ u l-assistenza teknika, id-data ta' twassil u l-perjodu ta' twassil jew il-perjodu ta' tlestija;**

*(g) il-proċess speċifiku ta' produzzjoni jew forniment tax-xogħljiet, provvisti jew servizzi mitluba jew ta' kwalunkwe stadju ieħor tul iċ-ċiklu tal-ħajja msemmi fil-punt (22) tal-Artikolu 2, sa fejn dawk il-kriterji huma speċifikati skont il-paragrafu 4 u jikkonċernaw fatturi direttament involuti f'dawn il-proċessi u jikkarakterizzaw il-proċess speċifiku ta' produzzjoni u forniment tax-xogħljiet, provvisti jew servizzi mitluba.*

### **Emenda 53**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 66 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li dak l-għoti ta' ċerti tipi ta' kuntratti għandu jkun ibbażat fuq l-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża kif imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 u fil-paragrafu 2.**

***imħassar***

### **Emenda 54**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 66 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5. Fil-każ imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1, fl-avviż dwar kuntratt, fl-istedina għall-konferma tal-interess, fid-dokumenti tal-akkwist jew, fil-każ ta' djalogu kompetittiv, fid-dokument deskrittiv, l-awtorità kontraenti għandha tispeċifika il-koeffiċjent relattiv li hi tagħti lil kull wieħed mill-kriterji magħżula sabiex tiddetermina l-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża.**

5. Fl-avviż dwar kuntratt, fl-istedina għall-konferma tal-interess, fid-dokumenti tal-akkwist jew, fil-każ ta' djalogu kompetittiv, fid-dokument deskrittiv, l-awtorità kontraenti għandha tispeċifika il-koeffiċjent relattiv li hi tagħti lil kull wieħed mill-kriterji magħżula sabiex tiddetermina l-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża.



## Emenda 55

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 67 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) tkun saret **abbażi ta'** informazzjoni xjentifika jew hija bbażata fuq kriterji oħra li jistgħu jkunu verifikati oġġettivament u mingħajr diskriminazzjoni;

*Emenda*

(a) tkun saret **b'konsulta mill-qrib mal-partijiet interessati, hija bbażata fuq** informazzjoni xjentifika jew hija bbażata fuq kriterji oħra li jistgħu ikunu verifikati oġġettivament u mingħajr diskriminazzjoni;

## Emenda 56

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 67 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) tkun ġiet stabbilita għal applikazzjoni ripetuta jew kontinwa;

*Emenda*

(b) tkun ġiet **ittestjata u verifikata mal-fornituri u** stabbilita għal applikazzjoni ripetuta jew kontinwa;

## Emenda 57

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 67 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ca) tiġi fformulata sabiex tiżgura li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jivverifikaw il-konformità tal-prodott mal-ispjejeż iddikjarati taç-ċiklu tal-ħajja.**

## Emenda 58

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 67 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Kull meta, permezz ta' att leġiżlattiv tal-

3. Kull meta, permezz ta' att leġiżlattiv tal-

Unjoni, tiġi adottata metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja, inkluż permezz ta' atti ddelegati skont il-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur, ***din għandha tiġi applikata*** fejn il-kalkolu tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja jkun inkluż fil-kriterji tal-ġhoti msemmija fl-Artikolu 66(1).

Unjoni, tiġi adottata metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja, inkluż permezz ta' atti ddelegati skont il-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur, ***tali atti leġiżlattivi għandhom jiġu adottati f'konsulta mill-qrib mal-partijiet interessati. Tali metodoloġiji komuni għandhom jiġu applikati*** fejn il-kalkolu tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja jkun inkluż fil-kriterji tal-ġhoti msemmija fl-Artikolu 66(1).

## Emenda 59

### Proposta għal direttiva Artikolu 69 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-awtoritajiet kontraenti għandhom jiċħdu l-offerta, fejn ikunu stabbilixxew li l-offerta hija baxxa wisq għax ma tikkonformax mal-obbligi stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-liġi soċjali u tax-xogħol ***jew*** tal-liġi ambjentali jew tad-dispożizzjonijiet internazzjonali tal-liġi soċjali u ambjentali elenkati fl-Anness XI.

#### *Emenda*

L-awtoritajiet kontraenti għandhom jiċħdu l-offerta, fejn ikunu stabbilixxew li l-offerta hija baxxa wisq għax ma tikkonformax mal-obbligi stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ***jew liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet vinkolanti oħra nazzjonali*** fil-qasam tal-liġi soċjali u tax-xogħol, tal-liġi ambjentali jew ***tal-liġi dwar is-saħħa pubblika jew*** tad-dispożizzjonijiet internazzjonali tal-liġi soċjali u ambjentali elenkati fl-Anness XI.

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-awtoritajiet kontraenti għandu jkollhom id-dritt li jiċħdu l-ġhoti ta' kuntratt lil offerta li ma tikkonformax mal-liġijiet u r-regolamenti. Ir-referenza għal regolamenti f'dan l-Artikolu ma għandhiex tkun limitata għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'oqsma regolatorji speċifiċi. L-Artikolu għandu jiġi estiż sabiex jinkludi leġiżlazzjoni u sistemi għar-regolazzjoni tas-suq tax-xogħol.*

## Emenda 60

### Proposta għal direttiva Artikolu 70 – subparagrafu 1a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***Awtorità kontraenti tista' tiddikjara fid-***

*dokumenti tal-kuntratt, jew tiġi obbligata minn Stat Membru sabiex tiddikjara, il-korp jew il-korpi li minnhom kandidat jew offerent jista' jikseb l-informazzjoni xierqa dwar l-obbligi relatati mat-taxxi, mal-ħarsien ambjentali, mad-dispożizzjonijiet tal-ħarsien tal-impjegi u mal-kundizzjonijiet tax-xogħol li normalment jiġu applikati fuq il-post fejn ikunu se jitwettqu x-xogħlijiet jew fejn is-servizzi jkunu se jingħataw u li għandhom ikunu applikabbli għax-xogħlijiet imwettqa fuq il-post tax-xogħol jew għas-servizzi mogħtija waqt it-twettiq tal-kuntratt.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tintroduċi mill-ġdid, bi ftit tibdil żgħir, l-Artikolu 27, paragrafu 1, mid-Direttiva 2004/18/KE preżenti. Mid-direttiva preżenti dwar l-akkwist pubbliku (KE 2004/18). Dan l-Artikolu ma għandux jitħassar minħabba l-importanza tiegħu fl-appoġġ tal-offerenti minn pajjiżi oħra sabiex jipparteċipaw fl-akkwist u japprovaw il-kummerċ transkonfinali.*

#### **Emenda 61**

##### **Proposta għal direttiva Article 70 – subparagrafu 1b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Awtorità kontraenti li ttiprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha titlob lill-offerenti jew lill-kandidati fil-proċedura tal-għoti tal-kuntratt sabiex jindikaw li jkunu kkunsidraw, meta fasslu l-offerta tagħhom, l-obbligi relatati mad-dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tal-ambjent u l-impjegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol li normalment jiġu applikati fil-post fejn ix-xogħlijiet ikunu se jitwettqu jew is-servizz ikun se jingħata.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tintroduċi mill-ġdid, bi ftit tibdil żgħir, l-Artikolu 27, paragrafu 2, mid-Direttiva 2004/18/KE preżenti. Dan l-Artikolu ma għandux jitħassar minħabba l-importanza*

*tiegħu fl-appoġġ tal-offerenti minn pajjiżi oħra sabiex jipparteċipaw fl-akkwist u japprovaw il-kummerċ transkonfinali.*

## **Emenda 62**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 71 – paragrafu 3**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr ħsara għall-kwistjoni tar-responsabilità tal-attur ekonomiku prinċipali.

#### *Emenda*

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr ħsara għall-kwistjoni tar-responsabilità tal-attur ekonomiku prinċipali. ***Sistema ta' responsabbiltà konġunta u diversi responsabbiltajiet għandha tistipula li l-katina kollha tas-sottokuntrattar tinżamm responsabbli b'mod konġunt rigward ir-rispett tad-drittijiet fundamentali, ir-regoli ambjentali, tas-saħħa u s-sigurtà, dawk soċjali u tax-xogħol (kif definit fl-Artikoli 2, 22a (ġdid), 40, 54, 55 u 56).***

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-għan huwa li l-awtoritajiet tas-sottokuntrattar jingħataw possibilitajiet aħjar sabiex jikkunsidraw is-sottokuntrattar.*

## **Emenda 63**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 84 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jagħżlu korp indipendenti wieħed responsabbli mis-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni (minn hawn 'il quddiem jissejjaħ 'il-korp ta' sorveljanza'). L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-għażla tagħhom.

#### *Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jagħżlu korp indipendenti wieħed responsabbli mis-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni (minn hawn 'il quddiem jissejjaħ 'il-korp ta' sorveljanza') ***f'każijiet fejn ma jeżisti l-ebda korp indipendenti bħal dan.*** L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-għażla tagħhom.

## Emenda 64

### Proposta għal direttiva Anness VIII – punt 5a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(5a) “Standard verifikat ta’ parti terza”  
tfisser speċifikazzjoni stabbilita rigward  
karatteristiċi ambjentali, soċjali jew  
karatteristiċi oħra ta’ xogħlijiet, servizz  
jew provvista (inklużi l-karatteristiċi taċ-  
ċiklu tal-ħajja u l-proċess tal-produzzjoni  
soċjalment sostenibbli) li tkun aċċessibbli  
għall-partijiet interessati kollha u teħtieġ  
konformità li jkollha tiġi verifikata minn  
parti terza li tkun indipendenti mill-  
offerenti u fejn il-kriterji għall-  
ispeċifikazzjoni:*

*(a) jikkonċernaw biss karatteristiċi  
konnessi mas-suġġett tal-kuntratt;*

*(b) jiffasslu abbażi ta’ informazzjoni  
xjentifika jew abbażi ta’ kriterji oħra li  
jkunu jistgħu jiġu verifikati b’mod  
oġġettiv u nondiskriminatorju;*

*(c) jiġu stabbiliti fi proċedura miftuħa u  
trasparenti li fiha l-partijiet interessati  
kollha, inkluż il-korpi tal-gvernijiet, it-  
trej djunjins, il-konsumaturi, il-  
manifatturi, id-distributuri u l-  
organizzazzjonijiet ambjentali, ikunu  
jistgħu jipparteċipaw;*

*(d) jiġu stabbiliti minn parti terza li tkun  
indipendenti minn kwalunkwe operatur  
ekonomiku li japplika għall-verifika tal-  
konformità.*

*Ġustifikazzjoni*

*Modifiki minħabba tibdil fir-rigward ta’ standards.*

## Emenda 65

### Proposta għal direttiva Anness XI – inċiż 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Konvenzjoni 94 dwar il-Klawżoli tax-Xogħol (Kuntratti Pubbliċi)***

*Ġustifikazzjoni*

*L-iżgurar tal-istandards minimi tas-saħħa, is-sikurezza u l-benesseri tal-ħaddiema impjegati mill-kuntratturi.*

**Emenda 66**

**Proposta għal direttiva  
Anness XVI – ringiela 2 – kolonna 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Servizzi tas-saħħa u soċjali

Servizzi tas-saħħa u soċjali, ***inklużi servizzi tal-ambulanza***

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	L-akkwist pubbliku
<b>Referenzi</b>	COM(2011)0896 – C7-0006/2012 – 2011/0438(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 17.1.2012
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 17.1.2012
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Åsa Westlund 7.2.2012
<b>Eżami fil-kumitat</b>	29.5.2012
<b>Data tal-adozzjoni</b>	10.7.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 54 –: 4 0: 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Elena Oana Antonescu, Kriton Arsenis, Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Sandrine Bélier, Sergio Berlato, Martin Callanan, Yves Cochet, Tadeusz Cymański, Chris Davies, Esther de Lange, Anne Delvaux, Bas Eickhout, Jill Evans, Karl-Heinz Florenz, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Dan Jørgensen, Christa Kläß, Eija-Riitta Korhola, Holger Kraemer, Jo Leinen, Corinne Lepage, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Gilles Pargneaux, Andres Perello Rodriguez, Mario Pirillo, Pavel Poc, Frédérique Ries, Oreste Rossi, Dagmar Roth-Behrendt, Kārlis Šadurskis, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Bogusław Sonik, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Anja Weisgerber, Åsa Westlund, Glenis Willmott, Sabine Wils, Marina Yannakoudakis
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Margrete Auken, Erik Bánki, Christofer Fjellner, Gaston Franco, Julie Girling, Toine Manders, Miroslav Mikolášik, Vittorio Prodi, Alda Sousa, Marita Ulvskog